MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 259/2002/1

**Carmelo Caruana Company Limited**

**Vs**

**Regina Bianca Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici fil-5 ta' Marzu, 2002, li in forza taghha wara li ppremettiet illi s-socjeta' estera Dromont Srl ta' l-Italja bieghet magna tat-tip Cubettatrice Elica Compact Mod. 200 lill-kumpanija konvenuta Regina Bianca Limited ta' Malta fuq ordni

taghha stess kif muri mid-dokument anness immarkat bhala Dok CC1;

Ippremettiet illi s-socjeta’ estera Dromont Srl ta’ l-Italja inkarigat lis-socjeta’ estera Zust Ambrosetti Spa ta’ l-Italja sabiex din tiehu hsieb tikkonsenja l-magna in kwistjoni lill-kumpanija konvenuta, li din fil-fatt ghamlet billi nkarigat lill-kumpanija attrici u cioe’ Carmelo Caruana Company Limited kif jidher minn kopja tal-polza ta’ karigu anness immarkat bhala Dok. CC2;

Ippremettiet illi meta l-magna in kwistjoni waslet Malta fis-6 ta’ Awissu, 1995 il-kumpanija attrici *in buona fede* rilaxxat l-istess magna f’idejn il-kumpanija konvenuta Regina Bianca Limited ghalkemm din naqset milli tipproduci d-dokument necessarju ghall-konsenja kontra pagament stante li l-ftehim kien C.O.D. (*cash against documents*) (Dok CC2);

Ippremettiet illi l-kumpanija konvenuta kienet hallset biss l-ammont ta’ LIT 11,000,000 mill-prezz tal-magna in kwistjoni illi xtrat minghand is-socjeta’ Dromont Srl u ghalhekk kien ghad fadal il-bilanc ta’ LIT 44,000,000, liema ammont kien dovut lill-kumpanija venditrici fil-mument tal-konsenja tal-magna hawn fuq imsemmija izda dan l-ammont ma thallasx;

Ippremettiet illi l-kumpanija konvenuta accettat il-konsenja tal-magna minghand il-kumpanija attrici izda naqset milli thallas il-bilanc fuq imsemmi;

Ippremettiet illi minkejja diversi interpellazzjonijiet kemm mis-socjeta’ attrici u kemm mis-socjeta’ Zust Ambrosetti Spa, il-konvenuta baqghet inadempjenti u naqset milli thallas lis-socjeta’ Dromont srl. ta’ l-Italja s-somma ta’ LIT 44,000,000 (erba’ u erbghin Miljun Lira Taljana);

Ippremettiet illi peress li l-kumpanija attrici kkonsenjat il-magna minghajr ma gabret il-bilanc dovut lill-principal taghha, is-socjeta’ Zust Ambrosetti Spa kellha thallas is-somma ta’ LIT 44,000,000 lil Dromont Srl. rapprezentanti danni sofferti mis-socjeta’ speditrici ta’ l-istess magna;

Ippremettiet li s-socjeta' attrici giet surrogata fid-drittijiet tas-socjeta' estera Zust Ambrosetti Spa kontra l-konvenuti, permezz ta' pagament tas-somma hawn fuq imsemmija, u cioe' LIT 44,000,000, kif jidher mid-dokument Dok CC3 datat 11 ta' April, 1997;

Ippremettiet illi ghalkemm interpellata diversi drabi, anke permezz ta' ittri ufficcjali datati 24 ta' Lulju, 1996, 25 ta' Awissu, 1997, 21 ta' Lulju, 1998 u 7 ta' Lulju, 2000 sabiex thallas l-ammont dovut, il-kumpanija konvenuta baqghet inadempjenti;

Talbet ghalhekk li tghid il-kumpanija konvenuta ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1. Tikkundannha thallas is-somma ta' tnejn u ghoxrin elf seba' mija erbgha u ghoxrin EURO (EUR 22,724) ekwivalenti ghas-somma ta' disat elef tmienja u erbghin lira Maltija erbgha u sebghin centezmu (LM9048.74) skond ir-rata tal-kambju mahruga llum mill-Bank Centrali ta' Malta, lill-kumpanija attrici bhala surrogata fid-drittijiet tal-kumpanija estera Zust Ambrosetti Spa rapprzentanti bilanc minn somma akbar prezz ta' magna lilha konsenjata.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficcjali ta' l-24 ta' Lulju, 1996, 25 ta' Awissu, 1997, 21 ta' Lulju, 1998, u 7 ta' Lulju, 2000* (*l-ispejjez tal-mandat ta' qbid pprezentat konstestwalment ma' din ic-citazzjoni) u bl-imghax legali mill-11 ta' April, 1997 sal-pagament effettiv.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta li in forza taghha eccepew illi :-

1. Preliminarjament, illi s-socjeta' konvenuta jisimha "Regina Bianca Limited", u mhux "Regina Bianca Company Limited" kif indikat fic-citazzjoni promotorju, u ghalhekk ghandha ssir il-korrezzjoni opportuna fl-atti kollha tal-kawza fir-rigward ta' l-isem ta' l-istess socjeta' konvenuta.

2. Illi, fil-mertu, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u ghandha tigi michuda minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici, u dana billi, skond kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza s-socjeta' attrici kellha relazzjoni guridika kontrattwali biss mas-socjeta' estera Dromont Srl ta' Italia, bhala is-socjeta' venditrici, u ghaldaqstant s-socjeta' trasportatrici estera Zust Ambrosetta Spa ma kellhiex dawk id-drittijiet illi fihom is-socjeta' attrici giet allegament surrogata ghall-hlas ta' kwalunkwe ammont talvolta dovuti mis-socjeta' eccepjenti bhala bilanc tal-prezz tal-mekranzija lillha mibjugha u konsenjata.

3. Illi f'kull kaz u minghajr pregudizzju hawn fuq eccepiet, il-hlas illi kellu jsir permezz ta' *Letter of Credit* mahrug mill-Bank of Valletta Limited (illum Bank of valletta plc) ma kienx gie effettwat mill-istess bank in vista ta' l-irregolaritajiet fid-dokumentazzjoni pprezentata lill-istess bank da parti ta' fuq imsemmija socjeta' venditrici Dromont Srl, skond kif jirrizulta mill-"*Advice of Discrepancies*" mahruga mill-imsemmi Bank fid-data tas-16 ta' Awissu, 1995 u indirizzata lis-socjeta' konvenuta (Dok RB1), u ghalhekk ma jirrizulta l-ebda tort jew responsabbilita' legali da parti tas-socjeta' konvenuta la fil-konfront tas-socjeta' attrici kif lanqas fil-konfornt tal-precedessuri taghha Zust Ambrosetti Spa.

4. Illi, f'kull kaz ukoll, u minghajr pregudizzju ghal fuq eccepit, il-magna kkonsenjata mis-socjeta' konvenuta mill-fuq imsemmija socjeta' venditrici Dromont Srl, ma kienetx tal-kwalita' pattwita (Dok RB2) u ghalhekk l-ebda bilanc fil-prezz ma huwa dovut mis-socjeta' eccipjenti.

5. Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tat-18 ta’ Gunju, 2002, fejn il-Qorti ordnat li fl-isem tas-socjeta’ konvenuta kull fejn tidher il-kelma “*company”,* din titnehha;

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tat-3 ta’ Frar, 2004, fejn gie registrat li s-socjeta’ konvenuta kienet qed tirtira l-ewwel eccezzjoni preliminari taghha;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li s-socjeta’ konvenuta ordnat minghand is-socjeta’ estera Dromont Srl, magna tat-tip Cubettatrice Elica Compact, u dan bil-prezz ta’ Lit.55,000,000, li minnhom kienet helset Lit 11,000,000 bhala depositu ma’ l-ordni. Is-socjeta’ estera inkarigat lis-socjeta’ trasportatrici Zust Ambrosetti Spa biex tiehu hsieb it-trasport tal-magna lejn Malta u l-pagament tal-bilanc kellu jsir tramite il-Bank of Valletta plc li harget *Letters of Credit* bhala garanzija ghall-hlas tal-bilanc. Il-magna giet debitament ikkonsenjata lis-socjeta’ konvenuta, izda peress li d-dokumenti moghtija lill-Bank of Valletta mid-ditta trasportatrici ma kienux kompluti (tant li gew notati fihom xi “*discrepancies*”), il-*Letters of Credit* ma nfethux u l-Bank ma hallasx il-bilanc tal-prezz pattwit. Is-socjeta’ konvenuta kienet, pero’, hadet konsenja tad-*delivery note* tal-merkanzija u, bis-sahha ta’ dak id-dokument, tal-magna stess.

Meta s-socjeta’ konvenuta giet mitluba thallas il-bilanc tal-prezz, hija rrifjutat li taghmel dan ghax qalet li l-magna li nghatat ma kienetx ezattament dik li ordnat. Is-socjeta’ attrici offriet li l-magna tintbaghat lura l-Italja u hija tibghat ohra minflokha izda s-socjeta’ konvenuta irrifjutat li taghmel dan peress li hija kienet gia hallset depozitu ta’ Lit.11,000,000 u bezghet li jekk tibghat il-magna lura, tibqa’ b’xejn. Is-socjeta’ venditrici baqghet tinsisti ghall-hlas tal-bilanc jew ghall-magna lura, izda s-socjeta’

konvenuta ma riedet taghmel ebda wahda minn dawn l-operazzjonijiet.

Peress illi s-socjeta’ venditrici baqghet tinsisti ghall-hlas, u peress li s-socjeta’ attrici kienet irrilaxxjat il-konsenja tal-magna minghajr ftuh tal-*Letters of Credit*, hija kellha thallas il-bilanc tal-prezz lis-socjeta’ attrici. Dan kellha taghmlu peress li, fuq responsabbilta’ taghha, agixxiet kontra t-termini tal-bejgh u tal-polza ta’ karigu, u tat konsenja tal-merkanzija qabel il-ftuh tal-*Letters of Credit.* Hija agixxiet b’dan il-mod peress li l-konsenja tal-magna waslet Malta f’Awissu, u dak iz-zmien il-Banek l-Italja kienu bil-vaganzi, u allura d-dokumenti necessarji ma lahqux waslu ghand il-Bank hawn Malta meta wasal ix-xoghol. Peress li s-socjeta’ konvenuta talbet konsenja tal-magna, is-socjeta’ attrici, *in buona fede* u biex taghmilha pjacir, irrilaxxjat l-konsenja tal-magna. Meta eventwalment waslu d-dokumenti lill-Bank hawn Malta, din irriskontrat diskrepanzi fl-istess dokumenti, u irrifjutat li thallas fuq dawk il-*Letters of Credit*. Ghal dak il-“pjacir” li ghamlet, is-socjeta’ attrici kellha tbati l-hlas hi u qieghda issa titlob rimbors tal-pagament minghand is-socjeta’ konvenuta.

Jirrizulta bhala fatt li l-merkanzija in kwistjoni giet trasportata hawn Malta fuq vapur, u l-*Bill of Lading* in kwistjoni tghid car li l-kunsenja kellha ssir fuq *“irrevocable Documentary Credit*” mahruga mill-Bank of Valletta. Fil-ktieb “*Carver on Bills of Lading” (Sweet & Maxwell 1st. Edition 2001*) jinghad f’pagna 1, li *“a bill of lading is a document issued by or on behalf of a carrier of goods by sea to the person (usually known as the shipper) with whom he has contracted for the carriage of the goods. Its basic features are that it contains promises by the carrier to carry the goods to the agreed destination subject to the terms of the document, and to deliver them there, in accordance with these terms”.* Il-konsejna mill-*carrier* kellha issir, kwindi, “*in accordance with the terms*” tal-polza tal-karigu, u meta l-*carrier,* jew l-agent tieghu hawn Malta, ikkonsenja l-merkanzija kontra u mhux a tenur tal-kundizzjonijiet imposti fl-istess polza, huwa ghandu jitqies responsabbli ghad-danni naxxenti mill-ksur ta’ l-obbligazzjonijiet kuntrattwali minnu assunti fuq il-polza ta’

karigu. Il-kundizzjonijiet inkorporati f'polza ta' karigu jitqiesu parti mill-ftehim bejn il-*carrier* u s-*shipper*, u huma obbligazzjonijiet li ghandhom, forza kuntrattwali daqs kull weghda ohra. Fl-istess ktieb "*Carver on Bills of Lading*" (ibid pagna 69) jinghad li *"whether the bill of lading contains, or is only evidence of the contract of carriage, the terms of the contract are to be determined in accordance with the general principles of the law of contract".*

Bis-sahha ta' ksur tat-termini tal-kuntratt, il-*carrier*, is-socjeta' estera Zust Ambrosetti Spa, saret passibbli ghad-danni, u peress li dan il-ksur kien palesi u ma setghet tigi invokata ebda forza maggura bhala skuzanti, dik is-socjeta' kellha thallas id-danni li ghalihom kienet responsabbli personalment. Id-danni li kellha thallas kienu l-ekwivalenti tal-bilanc tal-prezz tal-merkanzija, u cioe', s-somma ta' Lit 44,000,000. B'hekk is-socjeta' Zust Ambrosetti esegwit l-obbligazzjoni minnha assunta, u dana billi hallset id-danni li jitqiesu bhala s-"*secondary effects"* ta' l-obbligazzjoni. B'hekk ukoll, is-socjeta' venditrici harget mill-istorja, peress li hi giet sodisfatta ghall-kreditu taghha. Is-socjeta' venditrici, Dromont Srl, kellha d-dritt ghall-hlas tal-prezz tal-merkanzija minnha mibjugha, u meta ma setghetx tithallas dan il-prezz, tort ta' agir tas-socjeta' Zust Ambrosetti minnha inkarigata biex titrasporta l-istess merkanzija, hija, flok esekuzzjoni tardiva, fittxet ghad-danni li gew lilha mhallsa. Ovvjament, darba li s-socjeta' venditrici thallset ghad-danni u giet b'hekk sodisfatta ghat-telf li garrbet b'rizultat tal-ksur tal-kuntratt, hi ma tistax aktar titlob il-prezz tal-merkanzija, ghax ghal dak il-kreditu ( li gie nieqes bi ksur tal-kuntratt da parti tal-*carrier*) hija giet sodisfatta bil-hlas tad-danni (artikolu 1133 Kodici Civili). Kwindi, is-socjeta' attrici ma tistax aktar titlob hlas tal-bilanc tal-prezz, ghax ghal dan hi giet sodisfatta interament. Ghalhekk, filwaqt li hu veru li r-relazzjoni kontrattwali li kellha s-socjeta' konvenuta, kien biss mis-socjeta' venditrici, Dromont Srl, kif allegat fit-tieni eccezzjoni, l-kawza mhix qed issir ghall-esekuzzjoni ta' dak il-kuntratt, izda ghar-rimbors tad-danni li kellha thallas is-socjeta' trasportatrici u dan wara li din, biex taghmel

pjacir lis-socjeta’ konvenuta, kissret kundizzjoni li kienet intrabtet bih mas-socjeta’ venditrici.

Il-pretensjoni tas-socjeta’ Zust Ambrosetti hija marbuta mal-hlas tal-prezz tal-merkanzija izda mhux qed tagixxi f’isem jew bhala surrogata fid-drittijiet tas-socjeta’ venditrici; l-obbligazzjoni tal-hlas tal-prezz giet estinita meta s-socjeta’ venditrici accettat li tkun sodisfatta bl-esekuzzjoni ta’ l-effetti sekondarji taghha, cioe’, il-hlas tad-danni. Il-kawza qed issir ghar-rimbors tad-“danni” ekwivalenti ghall-bilanc tal-prezz, peress li qed jigi allegat li d-danni li s-socjeta’ Zust Ambrosetti inkorriet fihom, kienu konsegwenza tan-nuqqas tas-socjeta’ konvenuta.

Is-socjeta’ Zust Ambrosetti, tal-kreditu li kellha favur taghha kontra s-socjeta’ konvenuta, giet imhallsa mill-agent taghha hawn Malta, u meta sar il-hlas tal-kreditu, is-socjeta’ lokali attrici giet surrogata fid-drittijiet tas-socjeta’ estera. Issa s-surroga inghatat fil-11 ta’ April, 1997, u in forza taghha, gew assenjati lis-socjeta’ attrici, mis-socjeta’ Zust Ambrosetti*, “all our claims, rights, remedies and credits which we have or may have against Regina Bianca Ltd under the contract of sale/purchase of the goods”.* Il-kreditu ta’ Zust Ambrosetti kontra s-socjeta’ konvenuta, kuntrarjament ghal dak sottomess mis-socjeta’ konvenuta, huwa kreditu “*under the contract of sale/purchase”,* ghax huwa kreditu li twieled taht u b’konsegwenza tal-kuntratt ta’ kompro-vendita li sehh bejn is-socjeta’ Dromont Srl u dik konvenuta. Ghalkemm, l-obbligazzjonijiet principali taht dak il-kuntratt gew esegwiti (bil-konsenja tal-magna u l-hlas tad-danni flok il-prezz), dak il-kuntratt kien jehtieglu, ghall-esekuzzjoni tieghu, kuntratt iehor li huwa “evidenced” bil-polza ta’ karigu, dak li ta lok ghall-kreditu in ezami. Il-kuntratt ta’ bejgh kien jikkontempla trasport bil-bahar taht it-termini inkorporati fil-polza ta’ karigu, u kull obbligazzjoni li titwieled minn dik il-polza ghandha titqies bhala obbligazzjoni li twieldet *“under the contract of sale/purchase”*.

Minn barra dan, l-artikolu 1166 (c) tal-Kodici Civili jghid li s-surroga ssir *ipso jure* favur “ta’ dak li kien obbligat ma’ ohrajn jew ghal ohrajn ghall-hlas tad-dejn u kellu interess

ihallsu". Peress li r-rilaxx tal-merkanzija qabel il-wasla tad-dokumenti mehtiega ghall-ftuh tal-"*Letters of Credit"* sar mill-agent lokali, s-socjeta' attrici, u jidher li din kienet hekk agixxiet minn rajha u mhux bl-approvazzjoni jew kunsens preventiv tal-principal taghha, is-socjeta' attrici, tista' tghid, kienet hi wkoll obbligata mas-socjeta' konvenuta ghar-rifussjoni ta' dawn id-danni li sofriet is-socjeta' estera Zust Ambrosetti. Kwindi, s-surroga tista' titqies li saret b'mod generali bis-sahha tal-ligi wkoll.

Fit-tielet eccezzjoni taghha, is-socjeta' konvenuta tilmenta li dawn id-danni gew sofferti tort ta' l-istess socjeta' venditrici, li naqset milli tforni lill-Bank f'Malta mid-dokumenti mehtiega ghall-ftuh tal-*Letter of Credit* in kwistjoni. Issa, f'kaz ta' hrug ta' *Letters of Credit* il-Bank, normalment, ihallas fuq prezentazzjoni ta' dokumenti u mhux interessat fin-negozju li wasal ghall-hrug ta' dik il-garanzija. Fil-ktieb "*Payment Obligations in Commercial and Financial Transactions*" ta' <u>Professor R. M. Goode</u> (*Sweet & Maxwell Edit. 1983*) jinghad f'pagna 48, li "*A bank issuing or confirming a letter of credit commits itself to payment on due presentation of the specified shipping documents and is not concerned with the underlying contract of sale or its performance….. The courts have repeatedly held that in the absence of fraud or illegality the bank must pay against a conforming tender even if the seller has broken his contract by shipping goods that are defective, not in accordance with the contract description or deficient in quantity."*

Id-dokumenti, pero', jridu jkunu "*conforming",* u jekk ikun hemm certi deskrepanzi importanti bejn iz-zewg dokumenti li jifformaw il-*Letters of Credit*, il-Bank ikun intitolat li ma jirrilaxxjax il-flus. Dan hu dak li, fil-fatt, gara f'dan il-kaz: peress li l-Bank of Valletta irriskontrat certi "*discrepancies"* fid-dokumenti, ma riedetx tirrilaxxja l-flus minghajr l-awtorizazzjoni tas-socjeta' konvenuta, u peress li din l-awtorizazzjoni ma waslitx, il-Bank hawn Malta ma "fetahx" il-*Letter of Credit* u l-hlas baqa' ma sarx.
Ghalkemm, allura, hu veru li l-hlas taht il-*Letters of Credit* ma sarx minhabba xi nuqqas tas-socjeta' venditrici, dan ma jfissirx li x-xerrej xorta wahda mhux obbligat li jhallas

ghall-oggett li hu xtara. Il-Bank lokali seta kien korrett meta ma hallasx ghax ma kellux "*a conforming tender*"*,* izda dan ma jfissirx li xerrej m'ghandux obbligu, xorta wahda, li jhallas il-prezz ta' l-oggett mixtri. In-nuqqas tas-socjeta' attrici li tibghat id-dokumenti mehtiega, setghet kienet gustifkazzjoni ghad-dewmien fil-hlas da parti tas-socjeta' konvenuta, izda mhux ghan-nuqqas totali tal-hlas. Kwindi, ghan-nuqqas ta' hlas, tibqa' responsabbli s-socjeta' konvenuta, u ma tistax tikkampa mid-"*discrepancies*" fid-dokumenti mibghuta lill-Bank f'Malta ghan-nuqqas taghha li thallas ghall-oggett li xtrat u irceviet.

Fl-ahhar eccezzjoni taghha s-socjeta' konvenuta tissottometti illi hi, f'kull kaz, ma kienetx obbligata thallas ghall-magna peress li din ma kienetx tal-kwalita' patwita. L-artikolu 1390 tal-Kodici Civili jiddisponi illi:
"Jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex jikkunsinna ma tkunx tal-kwalita' mwieghda, jew ma tkunx bhall-kompjun li fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' periti."

Issa, apparti l-fatt li ma saretx il-prova li l-magna konsenjata mhux tal-kwalita' patwita, jirrizulta li s-socjeta' konvenuta zammet il-magna, uzata ghall-iskop indikat, u operat il-magna biex tipproduci l-*mozzarella* (l-iskop li ghalih inxtrat il-magna) b'kwantitajiet kummercjali. Ix-xerrej, kwindi, ma "irrifjutax" l-oggett u f'ebda stadju, lanqas, ma agixxa sabiex jitlob tnaqqis fil-prezz taghha. Il-ligi tesigi li min ikollu ilment fil-kuntest ta' oggett mixtri jiehu l-passi opportuni biex igib id-difett a konjizzjoni tal-bejjiegh u, jekk jibqa' ma jinghatax sodisfazzjoni, li jiehu l-passi legali li l-ligi tipprovdi ghall-protezzjoni tad-drittjiet tieghu.

Kif intqal , meta ssir kawza ghall-hlas tal-prezz ta' l-oggett mibjugh, il-konvenut ma jistax jissolleva l-eccezzjoni li l-oggett kunsenjat ma kienx tal-kwalita' pattwita u kwindi ma kienx intitolat ihallas l-ammont dovut; il-konvenut kellu jiddeduci l-ilment tieghu b'talba *per via di azione* – ara "Aveta noe vs Caruana et, deciza minn din il-Qorti fis-7 ta'

Novembru, 1995, "Xuereb vs Vella", deciza mill-Qorti Civili tal-Magistrati fis-7 ta' April, 1997, u "Schembri vs Abela", deciza minn din il-Qorti fis-27 ta' Lulju, 2000. *"Huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza nostrali illi l-kompratur ma jistax izomm il-merci li huwa qieghed jilmenta dwarha u fl-istess hin jirrifjuta li jhallas ghalihom u jitlob, anzi, d-danni"* – "Attard vs Direttur ta' l-Edukazzjoni" – deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-4 ta' Novembru, 1992. L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza "Micallef vs Sullivan" deciza fit-22 ta' Novembru, 2002, kompliet tafferma li jekk ix-xerrej/sid izomm l-oggett avolja ma jkunx tal-kwalita' pattwita, u jecepixxi l-kwistjoni biss meta jigi mitlub il-hlas, huwa jitlef kull dritt li seta' kellu.

Issa huwa veru li, kif giet trattata l-kawza f'din id-decizjoni, jista' jinghad li l-argument tal-Qorti ma jittaljax precis mat-talba kif espressa, pero', din il-Qorti tifhem li d-decizjoni hija koperta bit-talba peress hija marbuta ma u bazata fuq l-istess kuntratt li wassal ghad-disgwid. Inoltre, intqal li *"Quando la ragione espressa della domanda fallisce, se altra ragione implicita la sostiene, la domanda deve avere il suo corso"* – Testaferrata vs Vassallo", deciza minn din il-Qorti fis-17 ta' Frar, 1888 (ara wkoll il-kawza "Mifsud vs Nicosia", deciza minn din il-Qorti fil-11 ta' Gunju, 1923.) Il-Qorti tara li hemm raguni implicita fit-talba li ssostni t-tesi attrici, u kwindi l-istess talba ghandha tigi milqugha.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati, u tilqa' t-talbiet attrici billi tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM9,048.74 (disgha t'elef, tmienja u erbghin liri Maltin u erba' u sebghin centezmi), bl-imghax legali mill-5 ta' Marzu, 2002, sal-pagament effettiv.
L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------